# IR-RABA' PARTI

# L-EWWEL SEZZJONI — QORTI KRIMINALI

**18 ta' Frar, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir A.J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Maestà tar-Reġina

*versus*

Sigisfrido Mangion

**Astensjoni u Rikużazzjoni tal-Imħallef — Art. 458(2) tal-Kodiċi Kriminali — Art. 735 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*Imħallef ma jistgħax jiġi rikużat mill-Attorney General jew mill-akkużat, u lanqas jista' jastjeni ruħu, f'ebda kawża, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jew minħabba li r-reat ikun sar bi ħsara tiegħu, ta' martu, jew ta' xi ħadd li jiġi minnu, mid-demm jew bi żwieġ, fil-gradi msemmijin fl-istess Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.*

*Fost il-każijiet kontemplati mill-liġi għar-rikużazzjoni jew astensjoni, hemm dak meta l-kawża tkun ġa quddiem l-Imħallef bħala imħallef jew bħala arbitru; b'dan, però, illi din id-dispożizzjoni ma tgħoddx għal deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef meta ma tkunx qatgħet definittivament il-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, jew li tkun biss ħelset "ab observantia".*

*Il-każijiet kontemplati fil-liġi huma tassattivi, b'mod li l-Imħallef ma jistgħax jiġi rikużat, u lanqas jastjeni ruħu minn rajh, ammenokkè il-każ ma jkunx wieħed minn dawk speċifikatament indikati fil-liġi.*

*Bil-kelma "kawża" użata fid-dispożizzjoni rilevanti tal-liġi, il-*

*leġislatur ried jirrijertxxi għall-"istess" kawża li fiha nqalgħet id-deċiżjoni preċedenti; b'mod illi ma hemmx lok għar-rikużazzjoni ta' Imħallef meta l-fatti li dwarhom trid jiġġudika ġraw wara li nqatgħet il-kawża li fiha huwa jkun ta l-ġudizzju tiegħu.*

*Hu veru illi fil-każ ta' dubju għandu jiġi deċiż għall-ammissjoni tar-rikużazzjoni; imma, biex ma jiġix distrutt il-prinċipju l-iehor fondamentali illi l-każijiet ta' rikużazzjoni huma tassattivi, jeħtieġ li tassew u ġenwinament ikun hemm dubju*

L-akkużat, per mezz ta' nota, eċċepixxa r-rikużazzjoni tas-Sinjorija Tagħhom l-Illustrissimu President Sir Anthony Mamo u tal-Illustrissimu Sur Imħallef Montanaro Gauci, billi fil-kawża fl-ismijiet "Mangion vs. Mangion", deċiża minnhom fil-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fl-14 ta' Diċembru 1959, huma ddeċidew u kkommentaw fuq fatti li jirriflettu l-akkużat;

L-Attorney General, per mezz ta' nota, ikkontesta r-rikużazzjonijiet sollevati l-lum mill-akkużat, peress li ma tirrikorri ebda waħda miċ-ċirkustanzi kontemplati mill-liġi biex ikun hemm lok għar-rikużazzjoni;

Giet trattata l-eċċezzjoni, u l-Qorti tgħat istruzzjonijiet lill-Prosekutur biex fl-eskussjoni tal-provi jillimita ruħu għall-fatti li jiffurmaw l-oġġett tal-att tal-akkuża;

Deċiżjoni dwar ir-Rikużazzjoni;

Il-Qorti;

Rat l-att tal-akkuża nru. 3/1960;

Rat in-nota tal-akkużat, li biha eċċepixxa r-rikużazzjoni . . . . . ;

Semgħet id-diskussjoni tal-inċident;

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 458(2) tal-Kodiċi Kriminali, Imħallef ma

jistgħax jiġi rikużat mill-Attorney General jew mill-akkużat, u lanqas jista' jastjeni ruħu, f'ebda kawża, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-art. 735 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15), jew minħabba li r-reat ikun sar bi ħsara tiegħu, ta' martu, jew ta' xi ħadd li jiġi minnu, mid-demm jew bi żwieġ, fil-gradi msemmijin fil-paragrafi (a) u (b) ta' dak l-artikolu;

Fil-każ preżenti, l-eċċezzjoni tal-akkużat hi bażata fuq l-inċiż(ii) tal-paragrafu (b) tal-imsemmi art. 735 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li fost il-każijiet li fihom Imħallef jista' jiġi rikużat, jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod f'kawża, jikkontempla l-każ li l-kawża tkun ġa ġiet quddiemu bħala Imħallef jew bħala arbitru; iżda b'dan, illi din id-dispożizzjoni ma tgħoddx għal deċiżjoni mogħtija mil-Imħallef meta ma tkunx qatgħet definittivament il-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, jew li tkun biss ħelset "ab observantia";

Ġie kostantement ritenut mill-ġurisprudenza illi bil-kelma "kawża" użata fid-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija, il-leġislatur ried jirriferixxi għall-"istess" kawża li fiha nqalgħet id-deċiżjoni preċedenti (ara Vol. XXXII-IV-608; XXVII-I-156, b'ċitazzjoni ta' sentenzi preċedenti). Il-leġislatur ma riedx jirriferixxi għal każ "d'una nuova causa, quantunque talvolta basata su altre cause decise con sentenza passata in cosa giudicata" (Vol. XII, p. 241; Vol. VIII, p. 728);

Ġie wkoll dejjem ritenut illi l-każijiet kontemplati fil-liġi huma tassattivi, b'mod illi Imħallef ma jistgħax jiġi rikużat, u anqas jastjeni ruħu minn rajh, ammenokkè il-każ ma jkunx wieħed minn dawk speċifikatament indikati fil-liġi;

Huwa ċar illi l-kondizzjonijiet viżwalizzati mill-liġi fid-dispożizzjoni in kwistjoni ma jirrikorrux fil-każ preżenti;

Il-fatt li jifforma l-oġġett tal-att tal-akkuża qatt ma kien quddiem l-Imħallfin issa rikużati mill-akkużat, u huma qatt ma ħadu konjizzjoni tiegħu. Del resto, dan kien, evidentement, fiżikament impossibbli. Dak il-fatt allegat

ġara "wara" li l-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li fiha kienu qegħdin dawk l-Imħallfin, kienet ġa tagħat is-sentenza finali fil-meritu fil-kawża ta' separazzjoni bejn l-akkużat u martu. F'dik il-kawża l-Qorti ħadet konjizzjoni biss tal-fatti li kienu miġbura fil-proċess ta' "dik" il-kawża; li ma kienux, u ma setgħux, jikkomprendu xejn minn dak li ġara "wara" li dik il-kawża spiċċat;

Għal dawk l-Imħallfin, il-fatt miġjub fl-att tal-akkuża hu għal kollox ġdid, u d-deċiżjoni fuqu tiddependi minn provi ġodda li għad iridu jinstemgħu quddiem din il-Qorti. Iċ-ċirkustanza biss illi, kif hu allegat, dak il-fatt ġara immedjatament wara s-sentenza tas-separazzjoni, u talvolta kellu okkażjoni minnha, ma jirrendix dan il-proċess l-"istess kawża" li tagħha dawk l-Imħallfin ħadu konjizzjoni; il-fatt, fil-każ wieħed u l-ieħor, addirittura mhux l-istess; u anqas hemm ebda rabta naturali jew essenzjali bejniethom b'mod li l-ġudizzju fuq wieħed jiddependi jew jista' jiġi nfluwenzat mill-ġudizzju fuq l-ieħor;

Veru illi fis-sentenza ta' din il-Qorti ġa fuq ċitata (Vol. XXXII-IV-610) intqal illi fil-każ ta' dubju għandu jiġi deċiż għall-ammissjoni tar-rikużazzjoni. Iżda, biex ma jiġix distrutt il-prinċipju l-ieħor fondamentali illi l-każijiet ta' rikużazzjoni huma tassattivi, jeħtieġ li tassew u ġenwinament ikun hemm dubju — ħaġa li għar-raġunijiet fuq imsemmija ma tirrikorrix fil-każ preżenti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat il-verbal tal-lum, tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-akkużat; u tordna li l-proċess jitkompla.